# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti tas-seduta numru ħdax (11) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ġimgħa 25 ta' Lulju 2014, fl-4pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgħa tibda fl-4pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Francis Callus | Sindku |
| | Johan Mula | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Publio Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

3. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq il-mod kif intemmet il-laqgħa preċedenti fejn wara l-laqgħa mal-Onorevoli Stefan Buontempo, is-Sindku m'għalaqx il-laqgħa, kif kellu jagħmel skond ir-regolamenti, peress illi kellu jitlaq. Is-Sindku qal illi kellu appuntament ieħor u skuza ruħhu li telaq mingħajr ma għalaq il-laqgħa.

**4. Punti mill-Minuti**

4.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ħass illi qal ħafna izjed affarijiet waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill illi ma kienux fil-Minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ħafna mill-punti kienu waqt il-laqgħa mal-Onorevoli Stefan Buontempo, u li ma ttieħdux Minuti waqt il-laqgħa miegħu. Żied illi l-punti kollha tas-sur Busuttil kienu wara xulxin fil-ħwejjeġ oħra.

4.2 Is-Sindku qal illi s-Sindku taż-Żurrieq ta l-kelma tiegħu li l-Kunsill ta' Ħal Safi jista jieħu ħsieb il-proġett tal-Ħlantun [ref punt 3.1]. Is-Sindku żied illi xorta hemm ċans illi jkun hemm problemi mal-kunsilliera [tal-Kunsill ta' Żurrieq] l-oħra fuq dawn l-arranġamenti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi kellu l-ħsieb illi se jibdew ix-xogħol peress illi ra s-surveyors fuq il-post matul il-ġimgħa.

4.3 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk it-tobba rrispondew għar-rikwest tar-reserved parking [ref punt 3.3]. Is-Segretarju Eżekuttiv irisponda fin-negativ. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi reserved diġa jeżistu u mhux suppost insibu problemi biex inżidu "M.D" magħhom. Is-Sindku żied ukoll illi t-tabib parikolari jixtieq jħalli l-karrozza barra l-bieb tad-dar [in-naħħa l-oħra tat-triq] u mhux mal-kantuniera, biex residenti jkunu jafu li jkun fil-klinikk peress f'triq iż-Żurrieq il-karrozza tidher izjed. Is-Sindku qal illi ma sa l-ebda oġġeżjoni għall-proposta avola qal illi ma jixtieqx jieħu parking ta' ħaddieħor għall-benefiċċju tat-tabib. L-ebda kunsillier ma oġġeżjona bil-proposta li juża l-parking faċċatta l-klinikk. Il-kunsillier Publius Abdilla żied illi, skond il-fehma tiegħu, ir-regola ta' reserved parking fejn klinikk teżisti biex f'każ t'emergenza wieħed jista jipparkja fejn klinikk, u mhux biex it-tobba jużaw il-parkeġġ għall-użu personali tagħhom. Għal dan ir-raġuni qal illi jemmen illi għanda ssir reserved parking barra l-Berġa lokali. Is-Sindku rrisponda li m'hemmx reserved parking hemmhekk peress illi jingħata servizz f'ħinijiet partikolari u m'hemm l-ebda tobba li huma "on-call".

4.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi ssoltu l-kunsilliera jaqblu fuq id-deċiżjoni rigward l-għalliema li jintużaw għall-iskola sajf [ref punt 3.5] u lmenta li din ma saritx dis-sena. Is-Sindku rrisponda li din is-sena ma kien hemm l-ebda għażla peress illi għalliema m'applikawx [2 biss applikaw] u peress illi l-Iskola Sajf qed isir għat-tfal iż-żgħar kelna bzonn għalliema li għandu kwalifiki biex jieħdu ħsieb klassijiet ta' Years 1 u 2.  Kien hemm waħda li applikat li kienet kapaċi tagħlem lil dawn iż-żgħar, waqt illi s-Sindku qal illi s-sinjorina Dorianne Zammit Briffa qegħda tagħlem ukoll u li qatt ma kelna problemi magħha fil-passat. Għalhekk qal illi kompla b'dawn iż-żewġ għalliema. Qal ukoll illi l-kap tal-iskola qegħda tipprovdi l-klassijiet u qegħdin neħduhom b'xejn. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil żied illi fil-passat konna ħadna klassijiet b'xejn ukoll.

4.5 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li l-Kunsill mhux qed jara benefiċċji wara li nfaqna ħafna flus fuq ic-CCTV [ref punt 3.6]. Is-Sindku ma qabilx mal-kumment u qal illi n-nies qegħdin jitressqu l-qorti. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi qatt ma nisimgħu aħbar rigward il-passi li qegħdin jittieħdu kontra dawn in-nies u li għandna nżommu d-dixxiplina fir-raħal. Il-kunsillier Publius Abdilla żied illi reġa kien hemm ħafna żibel f'triq il-Kuċċard. Żied illi t-tabella fuq il-BIS fl-istess triq tindika l-munita antika u mhux l-Ewro. B'referenza għal punt nru 4.2 il-kunsillier Publius Abdilla qal illi l-fondi għandhom jintefqu

sew [fondi tar-Reġjun għas-CCTV]. Is-Sindku qal ili bihom nagħmlu upgrade tas-sistema tagħna. Qal illi għandna bzonn decoder [tiswa madwar €700 + VAT] u kameras ġodda. Żied illi jixtieq jixtri kameras għall-bandli, għal latrini u għal ġnien barra l-Kunsill. Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa jekk għandna nagħmlu waħda barra l-ATM izda l-bank għandu jieħu ħsieb is-sigurta tal-propjeta tiegħu.
Wara mistoqsija mill-kunsillier Publius Abdilla rigward l-użu tal-kamera portable, is-Sindku qal illi se titwaħħal wara l-festa.

4.6 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-upgrade tas-Sage se tiswa €600. Il-kunsillier qablu li ssir l-upgrade [ref punt nru 6].

4.7 Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk se ssir pjanta tal-proġett [ref punt 7.1]. Is-Sindku qal illi dalwaqt tkun lesta. Qal ukoll illi mar jara l-bankijiet li kienu jiswew €58 izda ma kienux addattati. Il-Kunsill irċieva izjed kwotazzjonijiet li jiswew il-fuq minn €300 kull waħda.

4.8 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma kienx sodisfat bir-risposti li ħa għall-ilmenti tiegħu fil-laqgħa preċedenti [ref punt 7.2]. Reġa spjega ftit minn dawk l-ilmenti li resaq u żied oħrajn. Dawn huma msemmin fil-5 punt ta' dawn il-Minuti ["Kontinwazzjoni tal-Ħwejjeġ Oħra tal-laqgħa preċedenti].

**5. Kontinwazzjoni tal-Ħwejjeġ Oħra tal-laqgħa preċedenti**

5.1 **Funtana:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ma jistax jifhem għal fejn ma ntużawx il-ħaddiema tal-IPSL għall-funtana u bqajna lura minħabba nuqqas ta' ftehim bejn individwi fil-Public Works. Il-kunsillier Publius Abdilla ssuġerixxa li x-xogħol isir bil-fiber glass [biex tkun water proof]. Is-Sindku reġa qal illi ma jixtieqx jagħmel dan ix-xogħol fis-sajf meta jkun hemm ħafna nies fejn il-bandli. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nagħmlu erbgħa barrikati u nagħmlu x-xogħol. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi saru proġetti f'lokalitajiet waqt il-festi tagħhom u għalhekk ma qabilx illi x-xogħol ma tistax isir fis-sajf. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq id-dewmien tax-xogħol u ċaħħad it-tweġiba tas-Sindku fejn qal illi sab il-funtana kif inhi. Is-Sindku qal illi l-manutenzjoni saret tlett darbiet u għal xejn. Is-Sindku qal ukoll illi l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq nuqqas ta' ħafna xogħolijiet u għandu jkun jaf illi l-ħaddiema ma jistawx jagħmlu x-xogħol kollu f'daqqa. Qal ukoll illi għal sebgħa xhur ma kellux ħaddiema tal-IPSL u li issa għandu 2 u mhux 3 bħal ma kelna qabel.

5.2 **Grawnd:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi s-Sindku kien qal illi se jagħmel konkos max-xibka tal-grawnd, izda x-xogħol ma saritx. Is-Sindku rrisponda li l-abbuzzi mhumiex qegħdin jirrepetu

ruħhom wara li ħa ħsieb il-manutenzjoni tax-xibka u m'hemmx għalfejn nonfqu l-flus jekk dawn l-abbuzzi waqqfu. Żied illi għandna nagħmlu s-saqaf. Il-Viċi Sindku qal illi hemm min qed igerger fuq is-saqaf tal-grawnd waqt illi s-Sindku qal illi biċċa waħda qegħda mtaqqba issa.

5.3 **Ħmieġ:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi qed jirċievi bosta lmenta fuq il-ħmieġ illi hemm fir-raħal. Qal illi n-nies qegħdin jgħidulu spiss meta s-Sindku staqsa għall-iema partijiet tar-raħal qegħdin jirreferu. Is-Sindku qal ukoll illi l-handyman/ġardinar ħa ħsieb triq il-Karwija meta s-sur Busuttil sema l-istat tat-triq. L-istess kunsillier isuġerixxa li nagħmlu skip fl-istess triq biex neħilsu minn ftit problemi hemm.

5.4 **Roundabout:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil żied illi qatt ma saqqejna r-roundabout u hemm bzonn. Is-Sindku qal illi meta saret it-triq kien hemm nuqqasijiet peress illi ma saritx drip irrigation. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi skond is-Sindku u 4 oħra, fil-leġislatura preċedenti, suppost kollox kellu jinqala. Is-Sindku oġġeżżjona u qal illi kien qal illi t-triq ġiet imraqqa biss. Żied illi mar-roundabout issa qed jinqala l-konkos.

5.5 **Pjanti:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa għalfejn hemm pjanti mejtin madwar ir-raħal. Is-Sindku qal illi tkellem mal-ġardinar u se jieħu ħsiebhom hu. Il-kunsilliera Pietru Pawl Busuttil u Publius Abdilla qalu li waqt il-festa għandna jkolna pjanti suri ta nies madwar ir-raħal. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi sentejn ilu s-Sindku kien qal illi se jixtri pjanti għal €8. Is-Sindku qal illi kien inbiegħu kollha.

5.6 **Bandiera**: Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ikkumenta li l-bandiera nbiddlet wara li għamel ilment fl-aħħar laqgħa. Is-Sindku qal illi raqqajna l-istess waħda u li ordnajna sitt oħra. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi nnotta wkoll illi sar ix-xogħol meħtieġ rigward il-ħaxix ta' triq il-Karwija. Is-Sindku rrisponda li l-kunsillier kellu jkun jaf illi x-xogħol sar izjed minn darba. Qal ukoll illi m'hemmx għalfejn noħorġu kuntratt meta ħaddiema tal-ETC jieħdu ħsieb dan ix-xogħol.

5.7 **Patching:** Is-Sindku wieġeb illi l-ħaddiema tagħna għamlu l-patching wara li kien hemm bzonn illi dan isir. Is-Sindku qal ukoll illi ma jista jifhem għalfejn hemm ilmenti fuq il-materjal li użaw wara illi l-Water Service Corp użaw l-istess materjal bi qbil tal-ħames kunsilliera fil-passat. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi fil-fatt kienu saru lmenti minn naħa tiegħu u kunsilliera oħra fil-leġislatura preċedenti. Is-Sindku żied ukoll illi sab cold asphalt biss u staqsa jekk huwa idejali li l-Kunsill joħroġ il-flus għall-patching meta l-prezzijiet huma għoljin wisq. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi WSC

għandhom iħalsu wkoll għax-xogħolijiet li għamlu fir-raħal. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi dawn il-pagamenti nirċivuhom wara ħafna żmien u li l-Kunsill ma rċieva xejn, milli jiftakar, fl-aħħar sentejn u nofs. Bħala risposta għall-kumment tas-Sindku rigward il-flus, il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi ħalla ħafna flus fl-accounts tal-Kunsill sal-aħħar leġislatura biex jintużaw għall-Child Care Centre u Night Shelter. Is-Sindku ma qabilx mal-kumment rigward in-Night Shelter peress illi qatt ma kienu tresqu proposti fuq il-mejda tal-Kunsill. Rigward il-kumment tal-flus, is-Segretarju Eżekuttiv ikonferma li l-ammont ta' flus li għandu l-Kunsill għadu simili bħas-snin preċedenti [wieħed jista jinnota dan fil-Financial Statements ta' 2013]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi saru pagamenti li ma kienux importanti u bħala eżempju sema l-każ tal-avukat [re: ħaddiema tal-IPSL] u oġġeżjona li pagamenti għal xogħolijiet importanti mhumiex isiru. Is-Sindku rrisponda li l-kuntratturi kollha qegħdin jieħdu l-pagamenti tagħhom u l-flus qed jintuza sew u bil-għaqal. Irrisponda wkoll li kellhom jitħallsu kuntratturi u periti li għamlu xogħol qabel daħal hu bħala Sindku.

5.8 **T'Amparell:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm wisq ħaxix ħażin u jibza li xi ħadd se jmur jixgħel suffarini biex jaħraq il-ħaxix. Qal illi se jispiċċa jmur jieħu ħsieb ix-xogħol hu stess. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi kelna nużaw il-mutur tal-hard għal dan ix-xogħol u l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-unkiku ħaddiem li kien juża l-magna issa ma jaħdimx mal-Kunsill. Is-Sindku qal illi l-ġardinar lest jagħmel dan ix-xogħol iżda jkollu bzonn l-għajuna. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jmur hu. Is-Sindku qal illi l-ħaddiem li juża l-mutur huwa l-ġardinar u huwa biss responsabbli ta' dan ix-xogħol.

5.9 **Ġnien [barra l-Kunsill]:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta fuq l-istat tal-ġnien barra l-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi fejn żied illi hemm ħaxix ħażin u pjanti mejtin.

5.10 **I.T.Room:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi ra s-saqaf tal-passaġġ fuq van f'triq ta' Ġawħar. Is-Sindku qal illi s-saqaf qiegħed jkun fil-garaxx u li għandu jmur jiċċekja. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil kompla jilmenta li ma kienx hemm għalfejn tinbidel is-saqaf. Is-Sindku qal illi fuq il-pjanti li raw il-kunsilliera, kien ċar illi dan kellu jsir. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil irisponda li qatt ma ra l-pjanti u żied illi l-Perit għandu jiġi quddiem il-kunsilliera u jispjega x'qed jiġri rigward il-proġetti. Is-Sindku fakkar illi biex jiġi l-Perit, kull darba nkolna nħalsu għall-ħin tiegħu. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta wkoll fuq il-konsentura u qal illi l-ħaddiema bdew jippanikjaw. Is-Sindku qal illi kien hemm reazzjoni tal-konkos. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi mhux suppost saru koloni u dawk saru biss bħala reazzjoni ta' dak illi ġara. Is-Sindku rrisponda li l-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qed jikontradixxi ruħhu għax ftit qabel qal illi ma ra l-ebda pjanta u issa qed jgħid illi ma kien hemm l-ebda kolona fil-

pjanta. Is-Sindku żied illi fil-pjanti kien hemm koloni. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ma qabilx, qal illi ħaseb illi kien se jsir kontrabejt, u ftit ijiem wara innotta li kien hemm il-koloni. Qal illi l-Perit għandu jerfa r-responsabilta u għandu jidher quddiem il-Kunsill. Il-kunsillier Publius Abdilla staqsa jekk il-Perit jiġi spiss biex jara x-xogħol. Is-Sindku kkonferma li ġie kemm il-darba. Is-Sindku qal illi m'hemm xejn ħażin fix-xogħol illi sar u li hemm travi fil-koloni u anke xibka doppja u cultiver.

5.11 **Triq il-Kuċċard:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil esprima l-opinjoni tiegħu li s-Sindku qed jistenna sakemm jaslu l-elezzjonijiet biex jieħu ħsieb illi jsir ix-xogħol. Is-Sindku qal illi l-kunsilliera kollha jafu li Din l-Art Ħelwa waqqfu x-xogħol fi Frar 2010, qabel ma sar Sindku hu. Żied illi ltaqa mal-Ministru u jaf bil-problema tagħna rigward triq il-Kuċċard. Bħal ma qal f'laqgħa preċedenti, il-Ministru kien qalu li għandhom prijortajiet oħrajn bħalissa izda se jieħu ħsieb illi jsir azzjoni fuq l-ilmenti tagħna. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi għandna nara mal-kabinett u nressqu l-ilmenti tagħna magħhom. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi meta kelna problema fit-triq tal-Karwija, il-Kunsill ħa azzjoni u hu kien ta ordni biex ikomplu bix-xogħol. Il-kunsillier Publius Abdilla fehem ir-risposta li x'aktarx qegħdin jieħdu ħsieb prijoritajiet oħrajn izda insista li għandna niġġieldu. Is-Sindku qal illi anki ġab lill-perita li kienet tieħu ħsieb ix-xogħol u laqagħha mar-residenti.

5.12 **Laqgħat tal-Kunsill:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi l-Kunsill mhux qed jiltaqa spiss daqs qabel. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi għandna niltaqaw f'perjodu ta' ħames ġimgħat [minimum] u issa wasalna fl-aħħar ta' Lulju u qegħdin niltaqaw għall-11 id-darba fis-sena [ave. ta laqgħa kull 2.5 ġimgħat]. B'hekk il-Kunsill baqa jiltaqa spiss. Is-Segretarju Eżekuttiv għamel talba biex ikunu izjed "to the point" għax waqt il-laqgħat hemm ħafna ħin moħħli.

5.13 **Bankina [triq San Pawl]:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil innotta li sar ix-xogħol meħtieġ, izda qal illi jekk titla xarabank fuq l-istess bankina mill-ewwel se terġa tinqala.

5.14 **Żubbuġa [triq iż-Żurrieq]:** Is-Sindku qal illi l-ġardinar għamel ix-xogħol. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi x-xogħol sar, izda ma sarx sew.

5.15 **Nuqqas ta' kommunikazzjoni:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi s-Sindku qed jagħmel ħafna affarijiet minn wara dar il-kunsilliera u qal illi b'hekk qed juri nuqqas ta' rispett lejhom u żied illi ma kienx jagħmel hekk. Reġa sema s-saqqaf tal-I.T Room bħala eżempju.

5.16 **Tabelli:** Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ilil hemm bzonn illi nirranġaw it-tabelli ta' triq San Ġwann għax ma jidhrux.

5.17 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jiddispjaċih illi kellu joħroġ b'dawn l-ilmenti kollha. Is-Sindku qal illi dak kollu li jagħmel qed jagħmlu f'isem ir-raħal.

**6. Bulky Refuse [kuntratt]**

6.1 Il-kunsilliera qablu li l-izjed wieħed vantaġjuż għandu jieħu l-kuntratt. L-irħas wieħed kien is-sur Lino Micallef. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi ma kien hemm l-ebda default notice għal dan il-kuntrattur.

**7. Street Sweeping [kuntratt]**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-kunsilliera biex jagħtu l-vott tagħhom rigward it-tip ta' servizz illi jixtiequ [manual vs magna]. Il-kunsilliera kollha qablu unaniment illi nużaw magna, u f'kaz illi jkun hemm ħsara bil-magna u m'hemmx back-up, il-kuntrattur għandu jiprovdi żewġ ħaddiema. Il-kunsilliera qablu wkoll illi l-magna tkun bħal dak li tintuza issa, fejn il-ħaddiem ikun jista jżomm il-pipe f'idejħ. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se jagħmel talba biex il-kuntratturi kollha jiġu fl-istess ħin bil-magni biex jagħmlu demonstration.

**8. Fuljett**

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi se naħdmu ma' Union Print.

8.2 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil ilmenta li dam biex jirċievi l-messaġġ tas-Sindku.

8.3 Il-kunsilliera qablu li s-sur Paul Callus, jekk jaċċetta t-talba tal-Kunsill, ikun il-proof reader.

8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk hemm kunsilliera li ma qablux mal-messaġġi tal-oħrajn. Is-Sindku qal illi kulħadd jista jkollu fehma differenti u jista jesprimi ruħhu izda jekk għandu jirrispondi, se jirrispondi fil-futur.

**9. Ħwejjeġ Oħra**

9.1 Il-kunsillier Carlo Stivala staqsa jekk hux possibli li s-Segretarju tal-Kazin, flimkien mal-President tal-Kazin, jiġu għal laqgħa biex niddiskutu l-Festa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kull sena ssir din it-talba, flimkien mal-ispettur. Żied illi l-ispettur mhux qiegħed Malta għalissa u b'hekk se nkolna niddiskutu mal-ispettur ta' Birżebbuġa jew Żejtun.

9.2 Is-Sindku qal illi f'triq Dun Ġużepp Caruana ma jistax isir parkeġġ fl-31 t'Awwissu 2014. Il-Kunsill diġa għamel avvizz via id-DOI.

9.3 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa jekk qed isir ix-xogħol fuq il-ħaxix ta' ġor-rabba. Is-Sindku rrisponda li iva. Il-kunsillier tkompla billi żied illi hemm bzonn nieħdu ħsieb illi jsir ix-xogħol in-naħa tal-Ħlantun għax hemm periklu hemmhekk.

9.4 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi sena ilu kien resaq talba biex nieħdu ħsieb siġra tal-palma fil-Misraħ ta' San Ġużepp. Is-Sindku qal illi dan ix-xogħol ilu li sar.

9.5 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm 4 bozzoz maħruqin mal-bandli. Is-Sindku qal illi se jaqbad lil tan-Nexos għax barra dawn l-4 bozzoz hemm fanali u bozzoz oħrajn illi għandhom bzonn jinbidlu.

9.6 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm zebra crossings fir-raħal illi m'għandhomx tabelli. Is-Sindku qal illi 2 minnhom għandhom u oħrajn ilhom ordnati.

9.7 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi hemm bankina għolja f'triq is-Summien. Il-Viċi Sindku żied illi meta sar xi xogħol fuq dar tal-kantuniera, tneħħa l-isem ta-triq [is-Summien]. Is-Sindku qal illi jaf bil-problema rigward il-bankina u diġa ftiehem mal-kuntrattur li għamel ix-xogħol illi għandu jirranġa l-bankina meta jlesti x-xogħol illi qed isir fit-triq. Qal illi l-kuntrattur ta l-kelma tiegħu li se jerġa jirranġa l-bankina.

9.8 Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi darba kien hemm approvazzjoni minn Transport Malta, illi jsir one way fil-junction ta' triq San Ġwann. Is-Sindku rrisponda li kien bagħat lil wieħed mill-ħaddiema tal-IPSL imma dan ma laħħaqx jagħmel ix-xogħol. Il-kunsillier Publius Abdilla qal illi jemmen illi 1 way trid

tibda min triq Rqajja u kif inhi issa hija dejqa wisq għal min hus ejjer triq San Ġorġ. Is-Sindku qa illi saret kif saret biex ma jkunx hemm aċċidenti mal-ħruġ peress illi hemm blind corner.

9.9 Il-Viċi Sindku Johan Mula staqsa jekk ir-reserved parking illi hemm fit-triq il-Ħajt Ruman huma riservati għal min juża l-pompa tal-petrol biss. Is-Sindku qal li jekk taqra t-tabelli tinduna li dawk huma għar-residenti ta' Ħal Safi. Il-Viċi Sindku qal illi 2 residenti ġodda staqsewħ peress illi xi ħadd qalilhom illi huma għal min juża l-pompa biss.

9.10 Il-Viċi Sindku Johan Mula qal illi persuna waqgħet barra l-Mużew tas-Subien minħabba xi ħsara fil-bankina li seta sar minn persuni li jużaw il-garaxxijiet hemmhekk. Is-Sindku qal illi tkellem mal-mara li waqgħet imma qal illi r-rampa fejn waqgħet ilha hemm żmien. Żied illi dejjem il-Kunsill jieħu t-tort minħabba n-nuqqassijiet ta' ħaddieħor. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi għandna nagħmlu kulvert ta-plastikk. Is-Sindku qal li dan hu culvert li sar meta saret il-bankina żmien ilu.

9.11 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm inizjattiva [tad-DLG] tan-Norway Grants fejn, jekk il-Kunsill jaċċetta u jkun magħżul bħala rappreżentant, hemm seminars u fondi għall-kunsilli. Il-Kunsill qabel illi nidħlu jekk hemm minn fejn nibbenifikaw.

**10. Laqgħa li jmiss**

10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm.

10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fit- 13 t'Awwissu 2014 fit- 3pm.

| | |
|---|---|
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |
| Francis Callus | Anthony Attard |